Parroċċa Qalb bla tebgħa ta' Marija

Burmarrad

Nº: 30/16

**AVVIŻI**

**24 ta' Lulju 2016**

Illum sa ssir il-ġabra speċjali għall-bżonnijiet tal-parroċċa.

Fix-xhur li għaddew il-*crying room* kienet irranġata biex issir ambjent sabiħ fejn wieħed jista' jinġabar fit-talb u jieħu sehem fil-quddiesa. Minn fuq l-iscreen wieħed ikun jista' jsegwi aħjar dak li jkun qed iseħħ. Din sa tintuża wkoll bħala "Kappella tat-tfal" meta matul il-quddiesa ssir it-Liturġija tal-Kelma għat-tfal. Nistiednu lil dawk li jiġu bżonn din il-kamra biex jużawha. L-offerti fil-kaxxa ta' ħdejn il-bieb tal-Knisja sa jmorru għall-ispejjez (madwar €600) li saru f'din il-kamra.

Nhar il-Ħamis 28 ta' Lulju, wara l-quddiesa tas-7pm li ssir bis-sehem tat-tfal sa ssir attività ta' logħob għat-tfal kollha. Inħeġġu lit-tfal kollha jieħdu sehem.

Infakkru li nhar ta' Tlieta jkun hawn Adorazzjoni Ewkaristika fis-skiet bejn l-10am u nofsinhar fil-Knisja.

Għad għandna bżonn għajnuna biex innaddfu u nġorru l-għamara lejn l-Uffiċċju Parrokkjali l-ġdid. Tkun ħaġa sabiħa li kulħadd jagħti sehmu biex jitlesta x-xogħol li sa tgawdi minnu l-parroċċa kollha. Sakemm jitlesta dax-xogħol l-uffiċċju parrokkjali sa jkun magħluq.